# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 680

KAZ NRU. 983

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Elizabeth Faure'

u

Milano Due

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : ~~6~~ 20 ta' Frar 1996

Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni

1. DAHLA

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 14 ta' Novembru 1995 riferenza ME 4/95/89 II talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din it-tkeccija skond id-dizpozizzjonijiet ta' l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. RAPPREZENTANZA

2.1 L-appellanti kienet rapprezentata mis-sur Joseph Grima, Segretarju Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General

Workers' Union

2.2 Il-Kumpanija kienet rapprezentata mis-sur J.F. Abdilla assistit mill-avukat Joseph Caruna Scicluna.

3. PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI

3.1 L-appellanti pprezentat:

dikjarazzjoni tal-kaz immarkata Dok. 1 li kienet tinkludi affidavit flimkien ma kopji ta' ittri li ntbaghtu mill-Kumpanija u l-Union dwar il-kaz.

3.2 Il-Kumpanija pprezentat:

dikjarazzjoni tal-kaz immarkata Dok. 2 li kienet tinkludi kopji ta' ittri li ntbaghtu mill-Kumpanija u l-Union dwar il-kaz.

4. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

4.1 Fl-istqarrija taghha l-Kumpanija stqarret li l-impjieg ta' l-appellanti gie terminat b'effett mit-22 ta' Mejju 1995 fil-waqt li l-ittra mibghuta f'isimha mill-General Workers' Union lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani ggib id-data ta' l-4 ta' Novembru 1995 cioe' ferm wara li skada t-terminu ta' erba' xhur impost mill-artiklu 28(3) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Kumpanija ziedet tghid li ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali m'ghandux jiehu aktar konjizzjoni tal-kaz.

4.2 Is-Segretarju tal-union f'isem l-appellanti stqarr li ma kienx hemm nuqqas ta' qbil dwar id-dati tat-tkeccija u

ta' meta saret it-talba lill-Ministru, izda hu kien spjega kollox bil-miktub lill-Ministru. Hu zied jghid li galadarba l-Ministru irrefera l-kaz lit-Tribunal il-kaz ghandu jinstema'.

## 5. DECIZJONI

It-Tribunal Industrijali wara li ezamina d-dokumenti kollha tal-partijiet, l-artiklu 28(3) ta' Kapilu 266 tal-Ligijiet ta' Malta, l-argumenti li saru miz-zewg partijiet waqt it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-Kumpanija u l-parir li l-avukat Richard Camilleri LL.M.C. Lond. LL.D. kien ta lill-Ministru tal-Politika Socjali f'kaz Numru 435 iddecieda li din il-kwisjtoni taqa' barra ~~fiz~~-zmien stipulat mill-artiklu 28(3) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentament mhux ser jiehu aktar konjizzjoni tal-kaz.

Anthony DeGiovanni
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU

mrg